MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Numru 196/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Frans Micallef**

**vs**

**Anthony Bartolo**
**Neil Camilleri**
**Ryan Briffa**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati Anthony Bartolo ta’ 45 sena bin Emanuel u Antonia Mifsud imwieled Pieta’ fit-22 ta’ Dicembru 1961 u residenti 88, Triq il-Barakki Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 23962 (M) u Neil Camilleri ta’ 16-il sena bin John u Tessie Tabone imwieled Pieta’ fit-13 ta’ Gunju 1990 u residenti 13, Stagno Str, Qormi u detentur tal-karta tal-identita’ numru 288090 (M) u Ryan Briffa ta’ 16-il snea

bin Alfred u Maria Dolores nee' Caruana mwieled Pieta' fis-26 ta' Marzu 1990 u residenti 31, Triq il-Kbira, Qormi gew imressqa quddiemha akkuzati talli:-

Fil-lejl ta' bejn is-27 u it-28 ta' DIcembru 2006, fil-Marsa, ikkommettew serq ta' vettura numru LAI-414 tal-marka Ford Fiesta ghad-detriment ta' Alexander Cassar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (aktar minn zewg persuni), bil-hin, mezz, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur, liema valur huwa aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira Maltin (Lm 1000).

Fl-istess data u fil-granet ta' wara, f' dawn il-gzejjer, xjentement laqaw jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat, sew jekk f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun indahlu sabiex ibeighawhom jew imexxuhom.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Jannar 2008 (esebit a fol. 2 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jgu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2008 l-imputati wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputati hekk kif registrata fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2008 ghall-ewwel akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huma nghataw zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputati, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv

li ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat in kwantu jirrigwarda l-imputati Neil Camilleri u Ryan Briffa l-fatt li huma minorenni, l-fatt li ghandhom fedina penali netta u l-fatt li r-refurtiva giet ritornata u jidrilha li huma ghandhom jinghataw l-ahhar opportunita' sabiex jirriformaw ruhhom u jaqbdu t-triq it-tajba. In kwantu jirrigwarda l-imputat l-iehor Anthony Bartolo l-Qorti kkunsidrat li r-refurtiva giet ritornata izda in vista tal-fatt li l-fedina penali tieghu tindika li din mhux l-ewwel darba li huwa kiser dufrejgh mal-gustizzja ser tigi imposta fuqu piena karcerarja sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 31, 261 262(b), 263, 267, 270, 271, 276 u 277(b) tiddikjara lill-imputat Anthony Bartolo hati tal-ewwel akkuza kif minnu ammessa u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija sospizi ghal sentejn (2) b'effett millum. Stante li una volta li jirrizulta r-reat ta' serq ma jistax jirrizulta wkoll ir-reat ta' ricettazzjoni l-imputat Anthony Bartolo qed jigi dikjarat mhux hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement qed jigi liberat mill-istess akkuza.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu iddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

Wara li rat l-Artikoli 261 262(b), 263, 267, 270, 271, 276 u 277(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputati Ryan Briffa u Neil Camilleri hatja tal-ewwel akkuza kif minnhom ammessa izda tiddikjarhom mhux hatja tat-tieni akkuza stante li din ma tistax tirrizulta una volta li jirrizulta s-serq u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-

Kap. 446 tiliberahom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor sa zmien tmintax (18) –il xahar millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------